# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 233/2023 WARA L-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI NUMRU 1281/2023 MAĦRUĠA AI TERMINI TAL-ART. 166A TAL-KAP. 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA FL-ISMIJIET: **C&H BARTOLI LTD (C383) V. ODYC LTD (C97903)**

(IL-KRITERJI TASSATTIVI LI GĦANDHOM JIĠU SODISFATTI SABIEX TINĦAREĠ ITTRA UFFIĊJALI TAĦT L-ART. 166A TAL-KAP. 12 - REVOKA TA' TITOLU EŻEKUTTIV OTTJENUT PERMEZZ TA' ITTRA UFFIĊJALI MAĦRUĠA TAĦT L-ART. 166A TAL-KAP. 12 – KAP. 12 ART. 166A(5) – IN-NOTIFIKA KIF IMISS – IL-ĠURAMENT TAL-KREDITUR – M'HUWIEX RIKJEST ĦAFNA DETTAL FID-DIKJARAZZJONI TAL-FATTI U R-RAĠUNIJIET IŻDA GĦANDHA TINGĦATA INFORMAZJONI BIŻŻEJJED SABIEX ID-DEBITUR JITQIEGĦED F'POSIZZJONI LI JKUN JAF FIEX JIKKONSISTI L-KREDITUR PRETIŻ – IL-KLIEM PRESKRITT TAĦT L-INTESTATURA TAL-QORTI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**25 ta' Marzu 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' ODYC Ltd ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2023[1] li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

**'1. Illi d-diretturi tas-socjeta` rikorrenti ODYC Ltd huma Liana Hurenko u Dirk Johan de Groot;**

**2.Illi nhar it-tletin (30) ta' Awwissu 2023 s-socjeta` rikorrenti giet notifikata b'mandat ta' qbid bin-numru 1839/2023 (kopja legali annessa u mmarkata bhala Dok A), liema mandat ta' qbid**

[1] Fol 1-17

**jidher li gie msejjes fuq titolu ezekuttiv wara ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema titolu jidher li gie rez ezekuttiv nhar it-tnejn (2) ta' Awwissu 2023;**

**3. Illi s-socjeta` rikorrenti ODYC Ltd ma kellha ebda konoxxenza ta' xi ittra ufficjali mibghuta minn C&H Bartoli Ltd u fil-fatt din l-ittra ufficjali, is-socjeta` intimata (sic!) qatt ma giet notifikata biha;**

**4. Illi wara ricerka maghmula fir-registru tal-Qorti rrizulta illi kienet fil-fatt intbghatet ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12, liema ittra ufficjali iggib in-numru 1281/2023, mis-socjeta` intimata u li giet indirizzata lis-socjeta` rikorrenti (kopja legali annessa u mmarkata bhala Dok B);**

**5. Illi skont it-timbru tan-notifika tal-istess ittra ufficjali, is-socjeta` rikorrenti giet indikata bhala notifikata, biss il-persuna li hadet in-notifika jidher illi kienet certu Fialova, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 0242467M, liema persuna la hija wahda mid-diretturi tas-socjeta` ODYC Ltd u sahansitra lanqas ma hi impjegata mas-socjeta` rikorrenti u fil-fatt id-diretturi tas-socjeta` rikorrenti m'ghandhom l-ebda konoxxenza tal-persuna li ffirmat ghan-notifika, wisq anqas awtorizzawha sabiex tagixxi ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti (kopja tas-sit elettroniku tal-MBR li turi l-persuni involuti fis-socjeta` rikorrenti annessa u mmarkata bhala Dok C)**

**6. Illi fil-fatt sal-gurnata tal-lum, l-ebda rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti ma gie notifikat b'din l-ittra ufficjali;**

**7. Illi peress li qatt ma giet notifikata bl-ittra ufficjali, is-socjeta` rikorrenti ma setghet qatt tkun inghatat l-opportunita` illi tintavola nota ta' oppozizzjoni skont l-artikolu 166A(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**8.Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ittra ufficjali jidher li giet mibghuta bil-lingwa Maltija u dan meta d-diretturi ta' ODYC Ltd huma ta' nazzjonalita` Olandiza u Ukrena u ma jifhmux il-lingwa Maltija;**

**9.Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 166A(2) jirrikjedi illi l-kontenut tal-ittra ufficjali ghandu jigi kkonfermat taht gurament mill-kreditur, biss dan gie kkonfermat mill-avukat Dr Philip Manduca minghajr ma giet pprezentata rezoluzzjoni tal-bord tas-socjeta` intimata jew prokura;**

**10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 166A jirrikjedi li fl-ittra ufficjali ghandu jigi ddikjarat b'mod car ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa' u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba, biss fl-ittra ufficjali taghha, s-socjeta` intimata naqset taghmel dan u annettiet biss 'statement' minghajr indikazzjoni cara ta' x'jirraprezentaw l-ammonti minnha pretizi;**

**11. Illi s-socjeta` rikorrenti qieghda ghar-ragunijiet kollha suesposti tuzufruwixxi ruhha mid-dritt moghti lilha ai termini tal-artikolu 166A(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha a tenur tal-artikolu 166A(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:**

**1. Tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh u dan fi zmien gimghatejn skont l-istess artikolu hawn fuq citat;**

**2. Tiddikjara l-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi bin-numru 1281/2023 pprezentata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta nulla ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati u konsegwentement thassar, tirrevoka, tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv miksub mis-socjeta` intimata permezz tal-istess ittra ufficjali u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.'**

wara li rat ir-risposta ta' C&H Bartoli Ltd ("il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") ippreżentata fis-6 ta' Novembru 2023[2] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

Illi t-talba sabiex din l-ittra ufficjlai tigi dikjarata null u bla effett hija nfondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda bl-ispejjes.

1. Illi s-societa debitrici ma tghidx ghaliex ma ghandhiex thallas l-ammont dovut u dan wara li giet mitluba thallas l-ammont dovut diversi drabi.
2. Illi s-societa debitrici hija societa Maltija u l-fatt li ghandha diretturi mhux Maltin ma ifissirx li l-proceduri ghandhom isiru bl-lingwa estera.
3. Illi l-ittra ufficjali giet notifikata fl-indirizz tas-societa debitrici ghalhekk hija notifika valida.
4. Illi ma hemmx ligi li tispecifika li minn jahlef l-ittra ufficjali jrid jippresenta risoluzzjoni tal-Bord. Hemm risolozzjoni tal-Bord fejn Dr. Philip Manduca gie awtorizzat jippresenta l-ittra ufficjali u jahlef l-istess.
5. Illi fl-ittra ufficjali hemm dikjaratat b'mod car r-raguni li fuqha imseja t-talba u hemm statement anness li jispejga dak kollox necessarju.

---

[2] Fol 37

wara li semgħet ix-xhieda u fejn applikabbli qrat it-traskrizzjoni tax-xhieda tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha proċesswali,

wara li fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024 semgħet it-trattazzjoni finali magħmula bil-fomm għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Sarah Mifsud,
- tal-intimata, mill-Avukat Dr. Philip Manduca,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Permezz tal-ittra uffiċjali ppreżentata fl-1 ta' Ġunju 2023[3] ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12, l-intimata interpellat lir-rikorrenti sabiex tħallasha s-somma ta' € 3,274.87 allegatament rappreżentanti ammont dovut lilha wara bejgħ u konsenja ta' merkanzija, kif evidenzjat minn prospett anness mal-istess ittra u li ġie mmarkat bħala Dok A.

2. Mir-riferta[4] mad-daqqa t'għajn jirriżulta illi r-rikorrenti ġiet notifikata bl-ittra fid-9 ta' Ġunju 2023 tramite persuna li ġġorr l-isem "Fialova" u l-karta tal-identità numru 242467.

3. Stante illi ma daħlet l-ebda nota oppożitorja entro t-terminu stipulat fil-liġi, fit-2 ta' Awwissu 2023 l-ittra uffiċjali ġiet reża eżekuttiva fil-konfront tar-rikorrenti.

4. Skond ma qalet ir-rikorrenti fir-rikors tagħha l-ittra qatt ma waslet għandha. Tgħid illi l-ittra hija nulla għaliex:

    1. In-notifika ma saritx kif imiss billi l-persuna li allegatament iffirmat għaliha la hija waħda mid-diretturi tar-rikorrenti u lanqas ma hija impjegata tagħha. Inoltre id-direttur m'għandhom l-ebda konoxxenza tagħha u bl-ebda mod ma awtorizzawha taġixxi għan-nom tal-kumpanija.

    2. L-ittra intbagħtet bil-lingwa Maltija meta d-diretturi tar-rikorrenti huma ta' nazzjonalità Olandiża u Ukrena u ma jifhmux bil-lingwa Maltija.

---

[3] Fol 8-9 u 49-50
[4] Fol 49 wara u fol 50

3. L-intimata naqset milli tippreżenta risoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi jew prokura li turi li l-persuna li ħalfet l-ittra kienet awtorizzata tagħmel hekk mill-intimata.

4. L-ittra ma fihix dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba iżda sempliċiment prospett mingħajr indikazzjoni ċara ta' x'jippreżentaw l-ammonti pretiżi mill-intimata.

5. L-intimata tinnega l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, tgħid li r-rikorrenti ma qalietx għaliex m'għandiex tħallas l-ammont dovut, li r-rikorrenti hija kumpanija Maltija u li l-fatti li għandha diretturi barranin ma jfissirx li l-proċeduri għandhom isiru b'xi lingwa oħra, li l-ittra ġiet notifikata fl-indirizz tar-rikorrenti u għalhekk waslet għandha b'mod validu, li m'hemmx liġi li tipprovdi li min jaħlef l-ittra jrid bilfors jippreżenta *Board Resolution* u finalment li fl-ittra hemm dikjarazzjoni ċara tar-raġuni li fuqha ġiet imsejsa t-talba apparti li hemm ukoll il-prospett.

6. Skond l-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **'Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:**
>
> **(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew**
>
> (ii) **li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) ...**'

7. Il-proċedura tal-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 ghandha konsegwenzi legali gravi fuq il-persuna li tirċieviha li ma tikkuntestahix fiż-żmien prefiss. U għax għandha konsegwenzi daqstant gravi, il-ligi timponi restrizzjonijiet sinjifikanti u riġidi, jekk mhux ukoll ħarxa, maħsuba sabiex jagħtu protezzjoni assoluta lil dawk li jirċievu ittra ta' dik in-natura. Huwa għalhekk illi l-leġislatur ħaseb għal numru ta' kriterji tassattivi, kemm sostantivi u kif ukoll proċedurali, li għandhom jiġu sodisfatti mill-kreditur fil-ħruġ ta' din l-ittra u dan taħt piena ta'

nullita' jekk xi waħda minn dawn il-kriterji ma' jiġux osservati skrupolożament. Dawn il-kriterji huma:

**Kriterji Sostantivi**

- **Il-kreditu:** L-interpellanza trid tkun għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u dovut li ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000).[5] B'eċċezzjoni għal din il-kriterju, il-kreditur li jkollu dejn li ma' jkunx għadu likwidat jista' ukoll jintavola l-pretensjoni tiegħu permezz ta' din l-ittra uffiċjali diment illi jillimita l-pretensjoni għal ammont li ma' jeċċedix €25,000 u jirrinunzja b'mod espress għal kull dejn li jeċċedi din is-somma.[6]

- **Id-debitur**: Id-debitur jrid ikun preżenti f'Malta u ma' jistax ikun minuri jew persuna mhux kapaċi skond il-liġi. Id-dejn ma' jistax ikun dovut minn ereditὰ ġjaċenti.[7]

- **Kontenut tal-ittra:** Fl-ittra għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.[8] Fil-każ odjern ir-rikorrenti tgħid ukoll illi l-ittra hija monka f'dan ir-rigward.

**Kriterji Proċedurali**

- **Il-forma tal-ittra uffiċjali:** L-ittra uffiċjali għandha tkun skond il-forma stabbilita mill-Avviż Legali 278 tal-2005 (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22) u ċioe fl-ittra innifisha għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti, l-avviż segwenti: "Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali."[9]

---

[5] Kap. 12, Art. 166A(1)
[6] *ibid*
[7] *ibid.*
[8] Kap. 12, Art. 166A(2)
[9] Kap. 12, Art. 166A(2)

- **<u>Konferma bil-ġurament:</u>** L-ittra uffiċjali għandha tkun kkonfermata bil-ġurament mill-kreditur[10]. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti tisħaq illi l-ittra hija monka għaliex l-intimata naqset milli tippreżenta risoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi jew prokura li turi li l-persuna li ħalfet l-ittra kienet awtorizzata tagħmel hekk mill-intimata.

- **<u>Notifika tal-ittra:</u>** L-ittra uffiċjali għandha tiġi notifikata kif imiss lid-debitur[11]. Fil-każ odjern ir-rikorrenti qed tinsisti illi l-ittra ma ġietx notifikata lilha kif imiss skond il-liġi.

- **<u>Intimazzjoni lid-debitur:</u>** Fl-ittra għandu ikun hemm intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin (30) jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv.[12]

- **<u>L-intimazzjoni ma' trid tkun waħda diġà opposta taħt l-Art. 166A</u>**: meta d-debitur ikun oppona t-talba kif imiss, il-proċedura speċjali li tinsab f'dan l-artikolu ma tistax terġa' tintuża kontra d-debitur għar-rigward tal-istess talba li jkun hemm fl-ittra uffiċjali notifikata lilu.[13]

- **<u>Notifika lill-kumpanija tal-assigurazzjoni</u>**: meta t-talba toriġina taħt l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104), dik l-ittra uffiċjali għandha taħt piena ta' nullità tiġi wkoll notifikata lill-assigurazzjoni awtorizzata li għandu jkollha l-istess drittijiet taħt dan l-artikolu daqslikieku kienet id-debitur fuq imsemmi.

8. Għalhekk ir-rikorrenti qed tibbaża l-każ tagħha fuq dak li skond hi kien l-aġir tal-intimata li fl-ittra uffiċjali in kwistjoni naqset milli tissodisfa żewġ kriterji proċedurali (i.e. li n-notifika ma saritx kif imiss u li ma ġietx ikkonfermat bil-ġurament kif suppost) u kriterju sostantiv (i.e. li r-raġunijiet li fuqhom hija msejsa t-talba ma ġewx iddikjarati b'mod ċar). Inoltre tressaq ukoll il-lanjanza illi l-ittra

---

[10] Kap. 12, Art. 166A(2)
[11] Kap. 12, Art. 166A(5)(i)
[12] Kap. 12, Art. 166A(3)
[13] Kap.12, Art. 166A(3)(d)

intbagħtet bil-lingwa Maltija meta d-diretturi tal-intimata huma ta' nazzjonalità Olandiża u Ukrena u ma jifhmux bil-lingwa Maltija.

**Provi**

9. Fi2-23 ta' Ottubru 2023 xehdet **Liana Hurenko,** direttur tar-rikorrenti, li spjegat li hija waħda minn żewġ sidien tal-kumpanija rikorrenti. Is-sid l-ieħor huwa Dirk de Groot. Qalet li saret taf bl-ittra uffiċjali meta l-marixxali tal-Qorti marru r-*restaurant* tal-kumpanija sabiex jenforzaw mandat ta' qbid. Sostniet illi ma taf lil ħadd bl-isem ta' Fialova. Qalet illi hija Ukrena u li d-direttur l-ieħor huwa Olandiż u li t-tnejn li huma ma jifhmux bil-lingwa Maltija, xi ħaġa li l-intimata żgur li kienet taf biha. In kontroeżami kkonfermat li l-kumpanija hija reġistrata Malta. Hija intrabtet li f'seduta sussegwenti tagħmel elenku tal-impjegati tar-rikorrenti li kienu xogħol fid-9 ta' Ġunju 2023. Fl-istess seduta d-difensur legali tar-rikorrenti esebiet ukoll *inter alia* lista tal-persuni li ġew impjegati tar-rikorrenti bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022 u bejn l-1 ta' Jannar 2023 u t-22 ta' Ottubru 2023.[14]

10. Fit-8 ta' Novembru 2023 inħarġet inġunzjoni mill-kumpanija intimata sabiex tixhed Martina Fialova bil-karta tal-identita numru 242467 fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2023. Għalkemm din ġiet notifikata sussegwentement irriżulta illi l-persuna li ġiet notifika, għalkemm bl-istess isem u kunjom, ma kienetx iġġorr l-istess numru tal-karta tal-identita' indikata fl-inġunzjoni. F'dan ir-rigward ġiet esebita ittra a fol 46 tal-proċess.

11. Fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024 xehdu **Marita Cutajar** u **Caterina Regoli** entrambi in rappreżentanza ta' Maltapost plc. Tal-ewwel ikkonfermat li l-ittra kienet waslet għand ir-riċevitur fid-9 ta' Ġunju 2023 u f'dan ir-rigward esebiti r-rapport abbinat mat-*tracking number* abbinat mal-*pink card* tal-ittra uffiċjali.[15] Ippreżentat ukoll dokument li juru l-*e-signature* tal-persuna bl-isem ta' Fialova li irċeviet l-ittra u ffirmat għaliha fl-indirizz tar-rikorrenti.[16] Caterina Regoli kkonfermat li kienet hi personalment il-pustier li wasslet l-ittra fir-*restaurant* tar-rikorrenti u għaddietha personalment lill-imsemmija Fialova.

**Kunsiderazzjonijiet**

*Il-premessa li l-ittra ma kellhiex tintbagħat bil-Malti*

---

[14] Fol 26-30
[15] Fol 58
[16] Fol 59

12. Qabel xejn il-Qorti tiddisponi minn din il-lanjanza tar-rikorrenti, fis-sens illi l-ittra ma kelliex tintbagħat bil-Malti minħabba li d-diretturi tagħha ma jifhmux bil-Malti, billi tikkunsidraha bħala infondata fid-dritt. Dan jingħad għaliex mid-dokumenti esebiti mar-rikors promotur stess hemm ipprovat b'mod ċar illi l-kumpanija rikorrenti hija reġistrata Malta u għalhekk ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 189 l-intimata kienet korretta li tibgħat l-att ġudizzjarju bil-lingwa Maltija.

*Il-premessa tar-rikorrent illi n-notifika tal-ittra ma saritx kif imiss*

13. Fir-rigward kif għandha ssir in-notifika fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta (bħal ma hi r-rikorrenti), l-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12 jipprovdi illi din tista' ssir billi:

    1. titħalla kopja tal-iskrittura fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali tal-korp f'idejn:
        - persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp, jew
        - segretarju tal-kumpannija, jew
        - kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija, jew
        - impjegat ta' dak il-korp;

    2. jew bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura direttament lill-persuni fuq indikati u dan **<u>irrispettivament minn fejn tinstab</u>** din il-persuna*.*

14. L-Artikolu 187(8) tal-Kap. 12 jipprovdi imbagħad li n-notifiki '**jistgħu ukoll isiru minn uffiċjali tal-Posta b'dak il-mod u skont dawk ir-regoli li jkunu konformi mar-regolamenti postali skont kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jordna b'avviż fil- Gazzetta**'.

15. Fir-*Regoli Dwar In-Notifika Ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta* (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12) jingħad fost affarijiet oħra illi:

- In-notifika ta' atti ġudizzjarji għandha, kemm-il darba xi qorti ma tordnax xort'oħra, issir bil-posta reġistrata, u għandha ssir applikazzjoni għal avviż ta' konsenja meta tiġi mpustata[17]

- Meta n-notifika tkun ser issir bil-posta, l-uffiċjali eżekuturi tal- qrati għandhom:

    - iħejju d-dokumenti postali meħtieġa għal dik in-notifika, u jippreżentaw l-envelopp relattiv bl-iskrittura magħluqa ġewwa fih fl-uffiċċju tal-posta;

    - jinnotaw f'reġistru miżmum għal hekk, il-partikolaritajiet fl-att ġudizzjarju msemmi fl-artikolu 174 tal-Kodiċi, id-data tal-preżentata fir-reġistru u n-numru ta' l-uffiċċju tal-kaxxier tar-reġistru immarkat fuq l-att ġudizzjarju, in-numru mogħti mill-awtoritajiet tal-posta lill-envelopp li fih ikun ġie magħluq l-att ġudizzjarju biex jiġi impustat, u, jekk in-notifika tkun saret, id-data ta' dik in-notifika u d-data meta jiġi lura l-avviż tal-konsenja;

    - jagħmlu ċertifikat fejn jingħad jekk in-notifika saritx jew le u li fih għandhom jidħlu wkoll il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 188 tal-Kodiċi;

    - jgħarrfu lill-parti li tippreżenta l-iskrittura, jew lill-avukat jew prokuratur legali tagħha, jekk in-notifika tkunx saret jew le, u jekk tkun saret, meta.[18]

16. Matul iż-żminijiet żviluppat prassi fejn malli l-kumpanija Maltapost p.l.c. tirċievi att ġudizzjarju mill-Qorti sabiex jiġi notifikat bil-posta, tiġi mimlija karta uffiċjali bl-isem ta' "*Avviz ta' Kunsinna ta' Ittra Reġistrata*" mibgħuta mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali) magħrufa ukoll bħala l-*pink card,* li tkun imwaħħla mal-envelop innifsu u li fiha apparti d-dettalji u l-indirizz tal-persuna li għandha tirċevieha jkollha ukoll post fejn tista' tiġi ffirmata mid-destinatarju u mill-uffiċjal tal-posta li jmur biha kif ukoll indikazzjoni ta' jekk l-att ikunx ġie imqassam jew le. Din il-*pink*

---

[17] Art. 3(1) tar-Regoli Dwar In-Notifika Ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12)
[18] Art 5 *ibid*

*card* imbagħad tintbagħat lir-Reġistratur meta l-uffiċjal eżekutur jkun jista' jħejji r-riferta relattiva skond l-informazzjoni li jsib fuq din il-*pink card.*

17. Fil-każ in eżami, kif jidher mid-dokumenti esebiti[19] u kif xehdu r-rappreżentanti tal-Maltapost plc fid-9 ta' Ġunju 2023 l-att ġie riċevut fl-indirizz reġistrat tal-kumpanija rikorrenti u ċioe fir-*restaurant* li jinsab 94, Triq Spinola, San Ġiljan u ffirmat għalih persuna bl-isem ta' Fialova u bil-karta tal-identità numru 242467.

18. Il-problema li għandha l-intimata hija illi minkejja li l-ittra tħalliet fl-uffiċju reġistrat tar-rikorrenti, madanakollu din tal-aħħar ressqet provi suffiċjenti li juru illi l-persuna bl-isem ta' Fialova u b'dak in-numru tal-karta tal-identità:

    1. la kellha r-rappreżentanza ġuridika tal-kumpanija,
    2. la kienet segretarju tal-kumpannija,
    3. la kienet persuna awtorizzata bil-miktub mill-kumpanija sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'isimha, u
    4. lanqas ma kienet impjegata tal-kumpanija.

19. L-intimata pruvat tagħmel li setgħet sabiex issib lil din il-persuna sabiex ittellagħha tixhed iżda sfortunatament ma rnexxiliex tintraċċaha.

20. Fid-dawl ta' din ix-xhieda u tad-dokumentazzjoni in atti ftit hemm dubbju illi l-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża **ma ġietx notifikata** kif trid il-liġi lir-rikorrenti.

*Il-premessa li l-ittra ma ġietx ġuramentata minn persuna li kienet qed tirrappreżenta l-interessi tal-kreditur*

21. Skond l-Art 166A(2) tal-Kap 16, l-ittra uffiċjali għandha tkun kkonfermata bil-ġurament mill-kreditur[20]. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti tisħaq illi l-ittra hija monka għaliex l-intimata naqset milli tippreżenta risoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi jew prokura li turi li l-persuna li ħalfet l-ittra, u ċioe l-Avukat Dr. Philip Manduca, kien awtorizzat jagħmel hekk mill-intimata.

---

[19] Fol 49, 50, 58 u 59
[20] Kap. 12, Art. 166A(2)

22. Fir-risposta tagħha l-intimata qalet illi *"m'hemmx liġi li tispeċifika li min jaħlef l-ittra uffiċjali jrid jippreżenta riżoluzzjoni tal-Bord. Hemm riżoluzzjoni tal-Bord fejn Dr. Philip Manduca ġie awtorizzat jippreżenta l-ittra uffiċjali u jaħlef l-istess".*

23. Il-Qorti tagħmel riferenza għall-Art. 181A(2) tal-Kap. 12 li jipprovdi kif ġej:

> **'181A. (2) Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skont il-liġi għandha, fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, tinħalef mill- persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija.'**

24. Issa huwa veru li l-liġi ma torbotx lil min jaħlef l-ittra uffiċjali f'isem kumpanija sabiex jippreżenta *Board Resolution* li turi l-awtorità tiegħu. Madanakollu f'kuntest fejn il-liġi tirrikjedi li l-ittra uffiċjali tiġi kkonfermata bil-ġurament mill-kreditur u fejn il-kumpanija rikorrenti stess xeħtet dubbju fuq kemm il-persuna li ffirma għall-kreditur kellu l-awtorizzazzjoni li jagħmel dan, kien jinkombi fuq il-kumpanija intimata illi xxejjen din l-allegazzjoni billi ttella provi f'dan ir-rigward jew imqar billi tippreżenta l-*board resolution* li *ex-admissis* fir-risposta tagħha stess tgħid li kien hemm. In-nuqqas inspjegabbli li tagħmel dan, fil-fehma tal-Qorti, iwassalha sabiex tikkonkludi li mad-daqqa t'għajn ma jidhirx li l-ittra ġiet ikkonfermata bil-ġurament minn persuna li kienet qed taġixxi għan-nom tal-kreditur u għalhekk effettivament ma ġietx maħlufa mill-kreditur.

*Il-premessa illi l-ittra ma' kellix dikjarazzjoni ċara tal-fatti u tar-raġunijiet li fuqhom ssejset it-talba*

25. Kif ġa ngħad, l-ammont ta' € 3,274.87 pretiż mill-intimata fl-ittra uffiċjali, jirrappreżenta dak li skond hi huwa ammont dovut lilha wara bejgħ u konsenja ta' merkanzija. Dan l-ammont huwa evidenzjat minn prospett anness mal-istess ittra u li ġie mmarkat bħala Dok A.

26. Il-liġi ma' titlobx illi min jippreżenta l-ittra uffiċjali għandu jidħol f'ħafna dettal dwar il-fatti u r-raġunijiet li fuqhom issejjes it-talba tiegħu. Li jrid jagħmel huwa li jkun ċar biżżejjed fi kliemu sabiex id-debitur jitqiegħed f'posizzjoni li jkun jaf min xiex jikkonsisti l-kreditu pretiż sabiex b'hekk ikun jista' jiddefendi ruħu kif xieraq. Fiċ-ċirkustanzi għalkemm forsi seta' kien aħjar illi l-intimata ppreżentat ukoll il-fatturi relattivi oltre l-prospett li ġie esebit, il-Qorti tħoss illi d-diċitura tal-istess ittra kienet

ċara biżżejjed sabiex ir-rikorrenti tkun taf għal liema oġġetti hija kienet qed tintalab tħallas l-ammont pretiż.

*Kriterju proċedurali tassativ li tqajjem fl-istadju ta' trattazzjoni*

27. Fl-istadju ta' trattazzjoni d-difensur legali tar-rikorrenti qajjmet ukoll il-punt illi l-ittra hija nieqsa minn kriterju ieħor proċedurali li huwa tassattiv u ċioe illi taħt l-intestatura tal-Qorti m'hemmx stampati l-kliem li huwa fl-interess tar-riċevitur li tkellem avukat jew prokuratur legali.

28. Huwa veru illi m'huwiex feliċi illi punt bħal dan tqajjem mir-rikorrenti fi stadju tat-trattazzjoni iżda l-Qorti tqis illi anke li kieku dan ma sarx, hija ċertament kienet ser tqajjem din il-kwistjoni fid-digriet odjern.

29. Kif ingħad minn din il-Qorti diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet: **Carmelo Bianco noe v.Terence Farrugia** (Rik 175/2018, Maġistrat Rachel Montebello, deċiża 26 ta' Settembru 2018):

> "kif inhuwa pacifiku fl-ordinament guridiku taghna, il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u bhala tali ir-regoli proċedurali jehtiegu li jigu osservati rigorozament ... F'kull kaz, billi l-eccezzjoni (ta' nullita) hija wahda ta' ordni pubbliku, in-nullita` ta' att gudizzjarju jista' jigi sollevat ex officio mill-qorti nnifisha u dan, f'kull kaz, oltre ghas-setgha ta' din il-Qorti ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 213 tal-Kap. 12."

30. Minn eżami tal-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża jirriżulta verament lill-Qorti illi din ma' tissodisfax il-kriterju tassattiv tal-kliem preskritt taħt l-intestatura tal-Qorti ai termini tal-Art. 166A(2) u l-Avviż Legali 278 tal-2005 u ċioe illi jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti, l-avviż segwenti: **"Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali."**[21] Filfatt fl-avviż taħt l-intestatura tal-Qorti fl-ittra in kwistjoni huma nieqsa għal kollox il-kliem *"Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali"* iżda minflok hemm il-kliem *"In-nota tista' tiġi ppreżentata minnek stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' avukat jew prokuratur legali".*

---

[21] Kap. 12, Art. 166A(2)

31. L-intimazzjoni speċifika rikjesta mill-leġislatura hija kruċjali u warajha hemm il-ħsieb illi l-persuna li tirċievi l-ittra uffiċjali tintebaħ, jekk hemm bżonn b'ċertu allarm, illi l-ittra li għandha f'idejha mhijiex ittra komuni, imma hija ittra li jeħtieġ li **biha tmur minnufih għand professjonist legali sabiex jieħu l-parir meħtieġ** u tittieħed l-azzjoni meħtieġa. M'huwiex suffiċjenti l-avviż illi l-ittra tiġi reża eżekuttiva f''każ illi d-debitur ma' jweġibx fi żmien tletin ġurnata jew li huwa seta' jippreżenta n-nota risponsiva mingħajr l-ħtieġa ta' avukat jew prokuratur legali (l-aħħar parti filfatt hija rikjesta li tkun fil-korp tal-ittra iżjed milli taħt l-intestatura tal-Qorti). Filfatt kważi kważi l-Qorti tazzarda tgħid illi huwa ferm iżjed possibbli illi d-debitur jiġi **żgwidat** dwar l-importanza tal-ittra uffiċjali li jkun irċieva jekk huwa jiġi mgħarraf biss bil-possibilità illi jippreżenta risposta mingħajr assistenza ta' avukat jew prokuratur legali mingħajr ma jiġi mgħarraf ukoll illi huwa fl-interess tiegħu illi jmur ikellem avukat!!!

32. Il-Qorti tħoss illi huwa rrilevanti u filfatt il-Qorti ma' għandiex toqgħod tindaga jekk effettivament id-debitur ikunx sofra xi preġudizzju bin-nuqqas tal-intimazzjoni lilu rikjesta mill-liġi u dan għaliex il-kriterji fuq imsemmija inkluż l-intestatura preskritta mill-Avviż Legali 278 tal-2005, huma tassattivi u għandhom jiġu osservati b'mod skrupoluż tenut kont il-konsegwenzi legali li ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A ġġib magħha f'każ li ma' tiġix kontestata fit-terminu preskritt mill-liġi.

33. Ġaladarba din l-intimazzjoni hija mankanti fl-ittra uffiċjali *de quo* il-Qorti kienet tkun tenuta illi tiddikjara n-nullita' tagħha u tirrevokaha għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi (anke bl-applikazzjoni tad-disposizzjoni tal-Art. 213 tal-Kap. 12), anke li kieku l-kwistjoni ma ġietx sollevata mir-rikorrenti fl-istadju ta' trattazzjoni.

**Deċiżjoni**

34. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tiddikjara nulla u bla effett u tirrevoka l-ittra ġudizzjarja bin-numru 1281/2023 fl-ismijiet premessi maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tiddikjara null u bla effett ukoll it-titolu eżekuttiv ottjenut abbażi ta' dik l-ittra, bl-ispejjeż kontra l-kumpanija intimata.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur